32006R1629

1.11.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 302/41

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1629/2006

tal-31 ta' Ottubru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1010/2006 dwar ċerti miżuri eċċezzjonali ta' sostenn tas-suq fis-settur tal-bajd u tat-tjur f'ċerti Stati Membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tat-tjur[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/119/KE[3] dwar il-protezzjoni ta' annimali tiddefinixxi l-kunċetti tat-tbiċċir u l-qtil.

(2) L-Artikoli 4 u 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1010/2006[4] ma jippreċiżawx li "l-qtil" ta' l-annimali għandu wkoll jitqies bħala miżura eċċezzjonali ta' sostenn tas-suq, bl-istess mod tat-tbiċċir.

(3) Fid-dawl tal-fatt, minn naħa waħda, li l-Istati Membri ma setgħux jikkunsidraw fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom il-kunċett ta' "qtil", u min-naħa l-oħra, ta' l-emenda riċenti tar-Regolament (KE) Nru 1010/2006, xi wħud mill-Istati Membri msemmija jista' jkollhom diffikultà jħarsu l-iskadenza imposta mill-Artikolu 10 tar-Regolament imsemmi biex lill-benefiċjarji tal-miżuri eċċezzjonali ta' sostenn tas-suq jagħmlulhom

---

1 ĠU L 282, 1.11.1975, p. 49. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).

2 ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 679/2006.

3 ĠU L 340, 31.12.1193, p. 21.

4 ĠU L 180, 4.7.2006, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1256/2006 (ĠU L 228, 22.8.2006, p. 9).

il-pagamenti, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2006. Għaldaqstant huwa f'loku li ż-żmien għall-pagamenti jittawwal bi ftit xhur.

(4) Jeħtieġ għalhekk li r-Regolament (KE) Nru 1010/2006 jiġi emendat f'dan is-sens.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75 u ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75 li jipprevedu l-adozzjoni tal-miżuri kkonċernati ilhom fis-seħħ mill-11 ta' Mejju 2006. Għaldaqstant huwa f'loku li jkun ipprovdut li dan ir-Regolament ukoll ikun applikabbli minn dik id-data.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-laħam tat-tjur u l-bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1010/2006 għandu jinbidel kif ġej:

1) L-Artikolu 4 għandu jinbidel kif ġej:

a) Il-paragrafu 1 huwa ssostitwit mit-test li ġej:

"1. It-tbiċċir u l-qtil antiċipat b'talanqas 6 ġimgħat ta' parti mill-qatgħa riproduttiva bil-għan li titnaqqas il-produzzjoni tal-bajd għat-tfaqqis tal-kodiċijiet NM 0105 92 00, 0105 93 00, 0105 99 10, 0105 99 20, 0105 99 30 u 0105 99 50 jitqiesu bħala miżuri eċċezzjonali ta' sostenn tas-suq skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75, madankollu bil-kundizzjoni li l-ebda annimal ma jerġa' jiġi prodott fis-siti kkonċernati matul dan il-perjodu;

b) Fil-paragrafu 2, l-ewwel inċiż huwa ssostitwit mit-test li ġej:

"Kull Stat Membru kkonċernat għandu jagħti kumpens għat-tbiċċir u l-qtil antiċipati previsti fil-paragrafu 1, fil-limitu ta' l-għadd massimu ta' annimali li jidher fl-Anness IV u għall-perjodu definit fl-Anness imsemmi";

2) L-Artikolu 7 huwa ssostitwit mit-test li ġej:

Artikolu 7

1. It-tbiċċir u l-qtil antiċipati ta' "tiġieġ lesti biex ibidu" għandhom jitqiesu bħala miżuri eċċezzjonali ta' sostenn tas-suq skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75.

2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jagħti kumpens għat-tbiċċir u l-qtil antiċipati previsti fil-paragrafu 1, fil-limitu ta' l-għadd massimu ta' annimali li jidher fl-Anness VII u għall-perjodu definit fl-Anness imsemmi.

Il-livell massimu ta' kumpens huwa stabbilit bħala ħlas fiss ta' EUR 3.2 għal kull tiġieġa "lesta biex tbid".

3) Fl-Artikolu 10, id-data "31 ta' Diċembru 2006" hija ssostitwita mid-data "31 ta' Marzu 2007".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-11 ta' Mejju 2006.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni